MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT

### ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Numru. 1106/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Debono ta’ 48 sena, iben Francis u Emanuela nee` Grech, imwieled Pieta nhar il-5 ta’ Settembru 1965. Residenti 4, Kortina, Triq San Nikola, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 413065(M).

Talli;

1) Fil-21 ta’ Awwissu 2013 ghall-habta ta’ 3:45pm, gewwa Misrah Gavino Gulia, Bormla, hebb ghal persuna ta’ Carmelo Tabone detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 311960(M) u kkaguna griehi ta’ natura gravi skond ma ccertifika Dr. M. Ciantar mic-centru tas-sahha ta’ Bormla;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-istqarrija tal-imputat, u r-rapport tal-okkorrenza maghmul mill-Ufficjali tal-Pulizija;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex

jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti m'ghandiex ghazla hlief li issibb lill-istess imputat Joseph Debono hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghaldaqstant qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta,

In oltre din il-Qorti qieghda tohrog ordni ta' protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Carmelo Tabone.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------